GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami għall-Post ta' *Second Secretary* fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

**Suġġett:** **Il-Malti**

**Data:** **Il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2024**

**Ħin:** **09:00 – 12:00 (Tliet sigħat)**

**Din il-karta fiha TLIET taqsimiet.**

**Il-kandidati huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet kollha u li jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**

**It-tweġibiet KOLLHA jridu jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

## Taqsima A: Traduzzjoni

Ittraduċi dan it-test b'Malti idjomatiku. Din it-taqsima fiha 70 marka.

### Seven skills you need to become a diplomat

Mastering the essential skills required for diplomacy will make you a stronger candidate for the job. Here's a closer look at why these skills are crucial and how they can help you succeed in your diplomatic career.

1. Fluency in multiple languages

A good diplomat can use multiple languages to connect with people from all around the world. Fluency is key to understanding and working together with others.

When diplomats speak the local language, they show respect for the host country's culture and people. This can open doors and create goodwill, making it easier to negotiate and collaborate. For example, trade diplomats might use their language skills to negotiate clear trade agreements with foreign partners. This ensures both sides understand the terms before signing.

If your goal is to become a diplomat, you must speak the language of the region or country you want to specialize in. Whether it's French, Spanish, Arabic, Mandarin Chinese, or something else, you'll need to become completely fluent in the language. Ideally, you should know more than two languages to be a more competitive candidate during your job search.

The fastest, most effective path to fluency is through one-on-one tutoring with native speakers, especially if you want to learn more than one language.

2. Communication

Good communication is essential for diplomacy. It means being clear and convincing in writing and speaking, listening well, recognizing body language, and adjusting your message for different people.

Diplomats often act as the bridge between their home and host countries, making sure to explain ideas and policies clearly and engagingly. By doing this, they help ensure everyone understands the messages and prevent conflicts from arising due to misunderstandings.

3. Cultural sensitivity and adaptability

For diplomats, this skill involves understanding cultural norms, values, and practices to build strong relationships and handle complex social situations. Diplomats need this skill because they often meet people from various cultures. Being culturally sensitive helps prevent misunderstandings and builds trust and respect.

4. Problem-solving

Diplomats deal with many challenges, from planning issues to political crises, and need strong problem-solving skills to handle high-stakes situations quickly and effectively. Humanitarian affairs diplomats might use their problem-solving skills to organize relief efforts during a natural disaster, making sure aid gets to those in need quickly.

5. Leadership

Leadership in diplomacy means guiding teams, building trust, and making strategic decisions. Good leaders need to be decisive, honest, and able to inspire others. This skill is crucial for diplomats as it allows them to manage missions, negotiate, lead embassy staff, and effectively represent their country. A strong leader can handle complex international situations and push projects ahead.

6. Analytical and critical thinking

Analytical and critical thinking skills involve evaluating information, identifying patterns, and making informed decisions. Diplomats need to analyse political, economic, and social data to shape foreign policy and create good strategies. These skills are essential for grasping global issues and making decisions that benefit their country.

Picture a diplomat studying election results in another country. They can use this info to forecast changes in foreign policy and tweak their plans. Similarly, a security diplomat reviews intelligence reports to spot threats and create plans to safeguard their country.

7. Negotiation

The art of negotiation means reaching agreements through talking and compromise. It involves using persuasion, diplomacy, and finding shared interests. Diplomats work on treaties, trade deals, and resolving conflicts, balancing their country's needs with others. Good negotiations can create lasting peace and prosperity.

A trade diplomat might create an agreement to open markets and boost the economy. Similarly, a human rights diplomat could work with foreign governments to improve human rights by getting them to change their policies.

(adapted from an online article by Naomi Boitel in preply.com)

## Taqsima B: Taqsira

Agħmel taqsira **(bejn 160 u180 kelma)** bil-Malti tas-silta li ġejja. It-taqsira fiha 70 marka.

### MALTA TIEĦU F'IDHA L-PRESIDENZA TAL-OSCE

VALLETTA/VIENNA, l-1 ta' Jannar 2024

Illum, Malta tieħu f'idha l-Presidenza tal-OSCE b'enfasi fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-effettività tal-Organizzazzjoni.

"Għalkemm huwa unur kbir li nassumu l-Presidenza tal-OSCE fl-2024, huwa wkoll b'sens kbir ta' responsabbiltà u dmir li Malta ħadet f'idha din il-kariga," qal Ian Borg, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' Malta u l-President il-ġdid tal-OSCE.

"F'nofs l-isfidi kumplessi u kritiċi li għadhom għaddejjin għas-sigurtà, ir-rilevanza u s-sopravivenza tal-OSCE jibqgħu kruċjali," irrimarka l-Ministru Borg. "Id-deċiżjoni li tinnomina l-President għal din is-sena, għalkemm ittieħdet fl-aħħar ħin, uriet ambizzjoni kollettiva biex insalvaw din l-Organizzazzjoni tagħna," żied jgħid.

"L-OSCE tkompli jkollha rwol kruċjali bħala organizzazzjoni ta' sigurtà unika u pjattaforma għad-djalogu. Malta, fl-Uffiċċju tal-Presidenza, se tkompli taħdem biex tipproteġi u ssostni l-prinċipji u l-impenji fundamentali mniżżla fl-Att Finali ta' Helsinki u fil-Ftehim ta' Pariġi," afferma l-Ministru Borg.

"In-nuqqas ta' rispett sħiħ għall-valuri u l-impenji kondiviżi tagħna jdgħajjef il-fiduċja, il-possibbiltà ta' djalogu sinifikanti, u l-prospetti ta' paċi u sigurtà fir-reġjun tagħna."

Il-President il-ġdid enfasizza li Malta se tibni fuq ix-xogħol tal-Presidenzi preċedenti billi tappoġġja soluzzjonijiet għall-kunflitti li għadhom għaddejjin fiż-żona tal-OSCE, tpoġġi d-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà tan-nies fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha, filwaqt li tipprovdi wkoll appoġġ għall-preżenza tal-OSCE fuq il-post.

"Matul il-Presidenza, l-Ukrajna se tibqa' prijorità. Malta se tkompli tenfasizza l-ħtieġa li tintemm il-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna filwaqt li tfittex soluzzjonijiet biex tgħin lill-Ukrajna u lin-nies tagħha," saħaq il-Ministru Borg.

"Malta temmen fl-importanza li nippreservaw l-OSCE bħala organizzazzjoni inklussiva ta' stati parteċipanti diversi, unika fit-tqegħid flimkien ta' komunitajiet Ewro-Atlantiċi u Ewro-Ażjatiċi, kif ukoll fit-trawwim ta' relazzjonijiet mal-Imsieħba Mediterranji u Ażjatiċi għall-Kooperazzjoni."

Fil-qalba tal-prijoritajiet ġenerali tagħha, il-Presidenza Maltija se tfittex li ssaħħaħ ir-reżiljenza tan-nies fl-erba' dimensjonijiet tas-sigurtà komprensiva. Bħala President, Malta se

tfittex li tgħaqqad approach inklussiv billi tagħti vuċi lill-perspettivi tal-ġeneru u ż-żgħażagħ, kif ukoll żżid l-involviment tan-nisa u ż-żgħażagħ fil-bini tal-paċi u s-sigurtà.
Bħala President tal-OSCE u bħala membru elett tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti sa tmiem l-2024, Malta se tkun fuq quddiem fl-isforzi multilaterali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bil-għan li terġa' tinbena l-fiduċja.
Malta tħares 'il quddiem biex taħdem mill-qrib mas-Segretarju Ġenerali tal-OSCE, kif ukoll mal-kapijiet tal-istituzzjonijiet awtonomi: id-Direttur tal-Uffiċċju tal-OSCE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissarju Għoli tal-OSCE dwar il-Minoranzi Nazzjonali, u r-Rappreżentant tal-OSCE għal-Libertà tal-Midja.
Il-Ministru Borg inawgura uffiċjalment il-Presidenza ta' Malta waqt il-laqgħa tal-Kunsill Permanenti tal-OSCE fi Vjenna fit-25 ta' Jannar 2024.

(https://www.osce.org/chairpersonship/561403)

## Taqsima Ċ: Stqarrija għall-Istampa

Ikteb stqarrija għall-istampa bil-Malti, ta' mhux iktar minn 300 kelma, mit-test li ġej. Din it-taqsima fiha 60 marka.

**Siltiet mid-diskors mill-President Myriam Spiteri Debono**
**waqt l-għeluq tal-Konferenza Nazzjonali 'L-Istat tan-Nazzjon'**
**20 ta' Ġunju, 2024**

...

L-istħarriġ li sar daħal fl-aspetti varji li jolqtu l-ħajja tan-nies: fid-drittijiet; fil-livell tal-għajxien; l-aspettattivi li ċ-ċittadini għandhom mix-xogħol u l-karrieri tagħhom; deċiżjonijiet, anke deċiżjonijiet personali li jieħu l-individwu; twemmin u reliġjon; in-nazzjon u l-lingwa; il-politika; kif nikkomunikaw; kunċetti bħal ġustizzja, ugwaljanza, solidarjetà, libertà; lil min nafdaw; multikulturaliżmu.

Mill-istħarriġ ħareġ b'mod ġenerali illi hemm diverġenza bejn kif etajiet differenti jħarsu lejn l-aspetti differenti tal-ħajja u wkoll il-livelli soċjali u ekonomiċi ta' min ipparteċipa fl-istħarriġ.

Irriżulta illi l-familja għad għandha rilevanza kbira u wkoll għadhom f'saħħithom l-għeruq li wieħed iħoss mal-lokalità fejn twieled u trabba. Dan deher sewwa fil-fatt mir-riżultat tal-istħarriġ illi meta ssemmew diversi tradizzjonijiet nazzjonali, l-iktar waħda li ħarġet li hija ta' importanza għal min wieġeb il-mistoqsija kienet il-festa tar-raħal, u l-Ġimgħa l-Kbira kienet lejn in-nofs, u l-Karnival isfel nett.

Ir-rispett, il-valuri tal-ġustizzja, l-ugwaljanza, solidarjetà u libertà, mill-istħarriġ ħareġ li għad hemm iktar enfasi u jiġu mgħallma fil-familji. Fil-fatt qisu deher illi dan qiegħed more or less 75/25%, li forsi rridu naraw illi fl-iskejjel tagħna nitfgħu naqra iktar enfasi fuq dak li hu soċjali, dak li hu, biex ngħid hekk, fejn jidħol żvilupp ta' ħsieb anke filosofiku. U xħin ngħid hekk ma jfissirx li qed ngħid xi akkademja, għaliex aħna kellna wieħed mill-aqwa studjużi, il-Professur Edward Debono, illi b'xogħol varju tiegħu wera illi hemm metodi biex aħna anke ngħallmu x-xjenza tal-ħsieb.

Barra minn dan imma nħoss illi dawn il-kunċetti li għadni kif semmejt – ġustizzja, ugwaljanza, solidarjetà u libertà – dawn għandhom tifsiriet differenti. Mhux kulħadd għandu l-istess tifsira tagħhom u forsi f'dan it-tip ta' stħarriġ dawn it-tifsiriet differenti ma joħorġux biżżejjed. Kultant, ippermettuli, kważi lanqas tħosshom tifsiriet differenti.

Il-mezzi ta' komunikazzjoni u l-mod kif wieħed jiġbor it-tagħrif u l-informazzjoni mir-riżultat deher illi rrifletta l-avvanz teknoloġiku li qegħdin ngħixu bih.

Il-parti li tittratta l-politika, partikolarment li b'mod ġenerali rriżulta illi terz tal-popolazzjoni ma jimpurtahomx jew jimpurtahom ftit li xejn mill-politika, għandna ngħidu u nammettu llum, ħmistax wara l-elezzjonijiet tat-8 ta' Ġunju, illi dak li qal l-istħarriġ ġie rifless fl-astensjonijiet li kien hemm fl-elezzjonijiet li saru ħmistax ilu.

Hawn ukoll meta wieħed iqabbel ir-reazzjonijiet li kien hemm għar-riżultati, l-istħarriġ iġiegħlek tieqaf, taħseb u tistaqsi: "X'qiegħed jingħad?" Dawn l-astensjonijiet qed jgħidu li ma

jimpurtahomx mill-politika? Jekk ma jimpurtanix, jew m'għadux jimpurtani, x'wassal għal dan? U dan il-punt jiena ngħid li jinkwetani u jinkwetani ħafna. Jinkwetani għaliex iċ-ċokon stess ta' pajjiżna għandna kollox katina u nemmen li ebda ċittadin ma jista' jabdika mid-dover li għandu lejn il-kollettività taċ-ċittadini kollha f'daqqa u jieħu interess u fejn jara li l-affarijiet ma jkunux mexjin sewwa, jirrakkomanda u jaġixxi. Forsi f'pajjiż ikbar ħafna minn tagħna din tintilef, ikun hemm dik li ngħidulha "dilution", għaliex jaf ikollok ċrieki illi jaħdmu relattivament waħedhom u ma jiddependux daqshekk mill-Gvern tal-ġurnata u mill-politika. Għalhekk naraha inkwetanti illi jkollna nies f'pajjiżna, kważi terz tan-nies, illi ma jimpurtahomx.

Hemm in-nuqqas l-iktar li jidher, ukoll minn ċerta mistoqsijiet, huwa kbir fost iż-żgħażagħ. U allura, għalkemm l-età tal-vot tniżżlet għal sittax-il sena u għall-grazzja t'Alla rajna xi żgħażagħ li ġew fuq quddiem, xorta b'dan, qed nagħtuhom ċavetta li minn żgħar jibdew jipparteċipaw, għadna ma lħaqnihomx? X'nistgħu ngħidu, li t-terz li ma vvutawx jew li juru li ma jimpurtahomx mhumiex sodisfatti biż-żewġ partiti l-kbar?

Dawn qegħdin ifittxu knisja jew knejjes ġodda? Iż-żgħażagħ b'mod partikolari kif iħossuhom dwar dan? Qed ikun hemm sinerġija biżżejjed bejn il-poplu u l-politika? U jekk hemm vojt għax hemm min mhux qed jidentifika mal-istrutturi li għandna, preparati illi naraw illi lil kulħadd nippruvaw nagħtu vuċi, anke jekk dan ikun jirrikjedi li nagħmlu tibdiliet fl-ogħla liġi tal-pajjiż?

...

L-istħarriġ jagħtik risposti, imma jiena rajtu illi jġiegħlek tagħmel ħafna mistoqsijiet li trid tara u tfittex mill-ġdid ir-risposta għalihom. Jiftħilna għajnejja, veru, għal xenarju nazzjonali li minn sena għal sena, tul dawn l-erba' snin, anke b'ċerta ċaqliqiet li kienu żgħar, uriena illi dan il-ħin kollu qed jinbidel.

...

**L-Uffiċċju tal-President ta' Malta**
**Il-Palazz, San Ġorġ, Valletta, Malta**

**TOTAL: 200 MARKA**

# TMIEM IL-KARTA

# PAĠNA VOJTA

# PAĠNA VOJTA

**PAĠNA VOJTA**

**PAĠNA VOJTA**

**PAĠNA VOJTA**